32004R0877

L 162/54 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 877/2004

tad-29 ta' April 2004

li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 dwar notifika ta' prezzijiet irreġistrati fis-swieq għal ċertu frott u ħaxix frisk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 jirrikjedi lill-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-prezzijiet għal ċertu frott u ħaxix frisk irreġistrati fis-suq rappreżentattiv. Ir-regoli ddettaljati għall-implimentar ta' dak ir-rekwiżit kienu preskritti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/97 [2], li hu stess kien irrevokat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 103/2004 tal-21 ta' Jannar 2004 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar arranġamenti ta' intervent fis-settur tal-frott u ħaxix [3]. Regoli ddettaljati ġodda għandhom għalhekk ikunu adottati għan-notifika tal-prezzijiet irreġistrati fis-swieq għal ċertu frott u ħaxix frisk li, fl-interessi taċ-ċarezza, għandhom ikunu sseparati mir-regoli ddettaljati dwar intervent u rtirar fis-settur tal-frott u ħaxix.

(2) Il-prezzijiet trasmessi lill-Kummissjoni għal kull prodott għandhom ikunu komparabbli. Definizzjoni raġonevolment armonizzata għandha għalhekk tapplika mal-Komunità kollha dwar l-istadju ta' marketing, preżentazzjoni, klassi ta' kwalità u, fejn applikabbli, il-varjetà jew tip. Is-swieq rappreżentattivi varji għal kull prodott ikkonċernat għandhom ukoll ikunu ddefiniti. Barraminhekk, l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jipprovdu l-ispjegazzjonijiet meħtieġa lill-Kummissjoni dwar il-metodi u kriterji applikati biex ikunu kkalkolati l-prezzijiet ikkonċernati.

(3) Biex tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni bil-ħeffa ta' informazzjoni, mezzi elettroniċi għat-trasmissjoni għandhom ikunu użati.

(4) Fl-interessi tat-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bil-prezzijiet irreġistrati mal-Komunità kollha u l-prezz medju Komunitarju.

(5) Il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar Frott u Ħaxix Frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prezzijiet li għandhom ikunu irreġistrati taħt l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għandhom ikunu għall-prodotti tal-klassi I, eż stazzjon ta' imballaġġ, magħżula, ippakkjati u, fejn applikabbli, fuq *pallets*, espressi f'euro għal kull 100 kilogramma piż nett.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw is-swieq rappreżentattivi li jirreferi għalihom l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 fuq il-bażi ta':

(a) jew transazzjonjiet imwettqa fi swieq li jistgħu jkunu identifikati fiżikament (swieq bl-ingross, irkantijiet u postijiet ta' laqgħat fiżiċi oħra ta' forniment u domanda fiż-żona ta' produzzjoni,

(b) jew transazzjonijiet diretti bejn produtturi fiż-żona ta' produzzjoni u xerrejja individwali (bl-ingrossa, negozjanti, ċentri ta' distribuzzjoni u operaturi oħra),

(ċ) jew tagħqid (taħlita) ta' tipi ta' transazzjonijiet li jirreferu għalihom l-(a) u l-(b) hawn iktar 'il fuq.

Il-lista ta' swieq rappreżentattivi hija miġbura fl-Anness ma' dan.

Artikolu 2

Għall-prodotti elenkati fl-Anness, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn 12.00 (ħin ta' Brussel) nhar ta' Erbgħa ta' kull ġimgħa, notifika bid-dettalji għal kull jum tas-suq tal-prezz medju f'euro għal kull 100 kilogramma rreġistrat fis-swieq elenkati fl-Anness għat-tipi u/jew varjetajiet ta' prodotti u d-daqsijiet u/jew kwalitajiet iddikjarati fl-Anness li għalihom kien hemm transazzjonijiet kif jirreferi għalihom l-Artikolu 1(2).

Dawn in-notifiki għandhom jintbagħtu via s-sistema elettronika indikata mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istati Membri, flimkien mal-prezz medju Komunitarju għal kull prodott ikkonċernat.

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, pġ. 1. Regolament l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, pġ. 64).

[2] ĠU L 100, tas-17.4.1997, pġ. 22. Regolament l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1135/2001 (ĠU L 154, tad-9.6.2001, pġ. 9).

[3] ĠU L 16, tat-23.01.04, pġ. 3.

Artikolu 3

1. Għat-talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-metodu li jużaw biex jikkalkolaw il-prezz medju li jirreferi għalih l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2.

Fejn il-prezzijiet mogħtija għat-tipi u/jew varjetajiet ta' prodotti kkonċernati huma għal daqsijiet u/jew preżentazzjonijiet barra dawk speċifikati fl-Anness, l-Istati Membri jistgħu jikkalkolaw il-prezz medju għad-daqsijiet u/jew preżentazzjonijiet fl-Anness billi jużaw koeffiċjenti ta' konverżjoni. L-iffissar tal-koeffiċjenti ta' konverżjoni għandu jkun inkluż fil-metodu li jirreferi għalih l-ewwel sub-paragrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tikteb linji gwida komuni dwar il-metodu li jirreferi għalih il-paragrafu 1.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Tadam	Tond	Daqs 57-67/67-82 mm f' bulk f'pakki ta' madwar 5-6 kg	Wien (AT) Flanders (BE) Praha (CZ) Lesithi (EL) Almeria (ES) Grenada (ES) Murcia (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Bretagne (FR) Budapest (HU) Lecce (IT) Salerno (IT) Vittoria (IT) Westland (NL) Kalisko-plaszewski (PL) Algarve (PT) Komarno (SK)
	Qatet	f 'bulk f'pakki ta' madwar 3-6 kg	
	Ċirasa (tadam żgħir)	*Trays* ta' madwar 250-500 g	
Brunġiel	Żenguli jew tond	Daqs 40 mm u fuqhom għall-varjetajiet żengulin u 70 mm u fuqhom għall-varjetajiet tondi f'bulk f'pakki ta' madwar 5 kg	Lasithi (EL) Almeria (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Salerno (IT) Foggia (IT) Vittoria (IT) Barendrecht (NL)
Dulliegħ	Biż-żerriegħa	F'bulk	Nicosia (CY) Helia (EL) Viota (EL) Almeria (ES) Valencia (ES) Budapest (HU) Lecce (IT) Latina (IT) Ribatejo (PT)
Bettieħ	Galia	Daqs 800-1250 g, pakki ta' madwar 5-10 kg	Helia (EL) Almeria (ES) Murcia (ES) Ciudad Real (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Val de Loire-Centre (FR) Ferrara (IT) Lecce (IT) Ribatejo (PT) Algarve (PT)
	Charentais/Cantaloups,	Daqs 800-1 250 g, pakki ta' madwar 5-10 kg	
	Varjetajiet ta' *Canary*/isfar	Pakki ta' madwar 5-10 kg	
	Piel de Sapo		
	Melao Branco		
Pastard	Ittrimmjat	Kbir (16-20 cm) maqtugħ pakki li fihom madwar sitta sa 12.	Wien (AT) Flanders (BE) Praha (CZ) Rheinland-Pfalz (DE) Thessaloniki (EL) La Rioja (ES) Bretagne (FR) Nord (FR) Budapest (HU) Taranto (IT) Salerno (IT) Barendrecht (NL) Krakowsko-proszowicki (PL London (UK)

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Berquq	Tipi u varjetajiet kollha	Daqs 45-50 mm *Trays*jew pakki ta' madwar 6-10 kg	Argolida (EL) Murcia (ES) Valencia (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Budapest (HU) Napoli (IT) Bologna (IT)
Nuċiprisk	Laħam abjad	Daqs A/B *Trays*jew pakki ta' madwar 6-10 kg	Hemathia (EL) Lleida (ES) Zaragoza (ES) Rhode-Mediterranee (FR) Ravenna (IT) Forli (IT)
	Laħam isfar	Daqs A/B *Trays* jew pakki ta' Forli (IT) madwar 6-10 kg	
Ħawħ	Laħam abjad	Daqs A/B *Trays* jew pakki ta' madwar 6-10 kg	Hemathia (EL) Pella (EL) Lleida (ES) Murcia (ES) Huesca (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Budapest (HU) Caserta (IT) Forli (IT) Cova da Beira (PT)
	Laħam isfar	Daqs A/B *Trays* jew pakki ta' madwar 6-10 kg	
Għeneb tal-mejda	Muscatel	5-12 kg trays jew pakki	Nicosia (CY) Korinthos (EL) Alicante (ES) Murcia (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Sud-Ouest (FR) Budapest (HU) Bari (IT) Foggia (IT) Algarve (PT)
	Chasselas		
	Alphonse Lavallee		
	Italia		
	Cardinal		
	Red Globe		
	Victoria		
	Matilde		
	Thomson bla żerriegħa u sultanas		
Poires	Blanquilla	Daqs 55/60, pakki ta' madwar 5-20 kg	Flanders (BE) Hemathia (EL) Lleida (ES) Zaragoza (ES) Val de Loire – Centre (FR) Budapest (HU) Ferrara (IT) Modena (IT) Geldermalsen (NL) Grójecko-warecki (PL) Oueste (PT)
	Conference	Daqs 60/65, pakki ta' madwar 5-20 kg	
	Williams	Daqs 65/70, pakki ta' madwar 5-20 kg	
	Rocha		
	Abbé Fetel	Daqs 70/75, pakki ta' madwar 5-20 kg	
	Kaiser		
	Doyenne du Comice	Daqs 75/80, pakki ta' madwar 5-20 kg	

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Tuffieħ	Delizzjuż tad-deheb	Daqs 70/80, pakki ta' madwar 5-20 kg	Gleisdorf (AT) Flanders (BE) Praha (CZ) Niedersachsen (DE) Hemathia (EL) Lleida (ES) Girona (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Val de Loire - Centre (FR) Sud-Ouest (FR) Budapest (HU) Trento (IT) Bolzano (IT) Geldermalsen (NL) Grojecko-warecki (PL) Lubelsko-sandomierski (PL) Oeste (PT)
	Braeburn		
	Jonagold (jew		
	Idared		
	Fuji		
	Shampion		
	Granny smith		
	Delizzjuż aħmar u varjeta-jiet oħra ħomor		
	Boskoop		
	Gala	Daqs 65/70, pakki ta'madwar 5-20 kg	
	Elstar		
	Cox orange		
Satsumas	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-X – 2 pakki Valencia (ES) ta' madwar 10-2 kg	Valencia (ES)
Lumi	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-3, pakki ta' madwar 15 kg	Nicosia (CY) Achaia (EL) Alicante (ES) Murcia (ES) Catania (IT) Siracusa (IT)
Klementini	Il-varjetajiet	Daqsijiet 1-X – 2, kollha pakki ta' madwar 10-20 kg	Arta (EL) Castellon (ES) Valencia (ES) Corigliano (IT) Catania (IT)
Mandolin	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-X – 2, pakki ta' madwar 10-20 kg	Nicosia (CY) Chios (EL) Castellon (ES) Valencia (ES) Palermo (IT) Catania (IT) Siracusa (IT) Algarve (PT)
Lariġ	Salustiana	Daqs 2/-4, pakki ta' madwar 15-20 kg	Nicosia (CY) Argolida (EL) Lakonia (EL) Alicante (ES) Valencia (ES) Sevilla (ES) Catania (IT) Siracusa (IT) Algarve (PT)
	Navelinas		
	Navelate		
	Lanelate		
	Valencia tardiv		
	Taroco		

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Zukkini	Il-varjetajiet kollha	Daqs 14-21, sfużi fil-pakk	Wien (AT) Attiki (EL) Almeria (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Bari (IT) Latina (IT) Barendrecht (NL)
Cerises	ħelwin kollha	Daqsijiet 22 u iktar, sfużi fil-pakk	Praha (CZ) Rheinland-Pfalz (DE) Pella (EL) Zaragoza (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Budapest (HU) Bari (IT) Napoli (IT) Grojecko-warecki (PL) Cova da Beira (PT)
Ħjar	Varjetajiet lixxi	Daqsijiet 350-500 g, ippostjati fil-pakk	Wien (AT) Flanders (BE) Helia (EL) Almeria (ES) Val de Loire - Centre (FR) Budapest (HU) Bari (IT) Vittoria (IT) Barendrecht (NL) Kalisko-pleszewski (PL) Komarno (SK) Birmingham (UK)
Kiwis	Hayward	Daqsijiet 105- 125 g, pakki ta' madwar 3-10 kg	Pieria (EL) Sud-Ouest (FR) Latina (IT) Cuneo (IT) Verona (IT) Grande Porto (PT)
Avocados	Hass	Daqsijiet 16-20, pakki ta' madwar 4-12 kg	Nicosia (CY) Chania (EL) Granada (ES)
Tewm	Abjad	Daqs 50-80 mm, pakki ta' madwar 2-5 kg	Evia (EL) Cuenca (ES) Cordoba (ES) Sud-Ouest (FR) Budapest (HU) Rovigo (IT)
	Vjola		
Karrotti	Il-varjetajiet kollha	Sfużi fil-pakk	Raasdorf (AT) Praha (CZ) Schleswig-Holstein (DE) Rheinland-Pfalz (DE) Cadiz (ES) Sud-Ouest (FR) Budapest (HU) Ragusa (IT) Barendrecht (NL) Warszawsko-leczycki (PL) Montijo (PT) Birmingham (UK)

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Għanbaqar	Greengage	Daqs 35 mm u Iktar	Praha (CZ) Baden-Wurtemberg (DE) Murcia (ES) Sud-Ouest (FR) Budapest (HU) Modena (IT) Bologna (IT) Grojecko-warecki (PL) Alfandega da Fe (PT)
	Għanbaqar Ewropew	Daqs 35 mm u Iktar	
	Santa Rosa	Daqs 40 mm u Iktar	
	Ġappuniż iktar (Golden Japan eċċ.)	Daqs 40 mm u Iktar	
Bżarijiet ħelwin	Kwadru aħdar	Daqs 70 mm u iktar	Evia (EL) Almeria (ES) Murcia (ES) Budapest (HU) Brindisi (IT) Vittoria (IT) Westland (NL) Oeste (PT) Komarno (SK)
	Kwadru kkulurit		
	Abjad	Daqs 50 mm u iktar	
	Żenguli aħdar	Daqs 40 mm u iktar	
Asparagu	Abjad/vjola	Daqs 16 mm u iktar	Baden-Wurtemberg (DE) Brandenburg (DE) Pella (EL) Granada (ES) Navarra (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Budapest (HU) Verona (IT) Grubbenvorst (NL) Nowotomysko-wolsztyiski (PL)
	Aħdar	Daqs 10-16 mm	
Basal	Isfar	Daqs 40 mm – 80 mm xkejjer ta' madwar 5-25 kg	Raasdorf (AT) Praha (CZ) Viotia (EL) Albacete (ES) Bourgogne (FR) Budapest (HU) Verona (IT) Zoetermeer (NL) Warszawsko-leczycki (PL) Birmingham (UK)
	Abjad		
	Aħmar		
Fażola	Needle (tonda)	Daqs 'fin', imqiegħed fil-pakkett	Evia (EL) Almeria (ES) Granada (ES) Val de Loire - Centre (FR) Salerno (IT) Vittoria (IT)
	Ċatta	Imqiegħda fil-pakkett	
Ħass	Iceberg	Daqs 400 g u iktar, pakki ta' 8 - 12	Wien (AT) Flanders (BE) Nordrhein-Westfalen (DE) Mecklenburg-Vorpommern (DE) Attiki (EL) Almeria (ES) Murcia (ES) Rhone-Mediterranee (FR) Bari (IT) Grubbenvorst (NL) Oeste (PT) London (UK)
	Varjetajiet oħra ta' ħass pakki ta' (inkluż Batavia)	Daqs 400 g u iktar, paketti ta' 8 - 12	

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq
Fraises	Toutes varietes	Barquettes 250/500 g	Flanders (BE) Nordrhein-Wesfalen (DE) Huelva (ES) Sud-Ouest (FR) Salerno (IT) Barendrecht (NL) Plocki (PL) Algarve (PT) London (UK)
Kurrati	Il-varjetajiet kollha	Pakki ta' madwar 5-10 kg	Flanders (BE) Nordrhein-Westfalen (DE) Thessaloniki (EL) Manche (FR) Grubbenvorst (NL) London (UK)
Faqqiegħ Ikkoltivat	Magħluq	Daqs medju (30-65 mm)	Flanders (BE) La Roja (ES) Val de Liore - Centre (FR) Dublin (IE) Budapest (HU) Barendrecht (NL) Poznanski (PL) London (UK)